KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 27

L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

It-Tlieta 19 ta' Diċembru, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur (onlajn)
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is -Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur Raymond Lanzon – Kunsillier Pembroke

ASSENTI

Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-Viċi President, is-Sur Max Zammit, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

27.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Galea, infurmat lill-membri preżenti kif il-President, is-Sur Anthony Chircop, talab li jiġi skużat minn din il-laqgħa peress li kien jinsab ma jiflaħx u kif għal din ir-raġuni ser ikun qed jippresjedi din il-laqgħa l-Viċi President, is-Sur Max Zammit.

27.1.2 Is-Sa Galea informat ukoll kif li s-Sindku ta' Pembroke, Dott. Dean Hili, is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, u s-Sindku tal-Pietà, is-Sa Zoya Attard, ma setgħux ikun preżenti għal din il-laqgħa u għal din ir-raġuni huma kienu qed jitolbu sabiex ikunu skużati minn din il-laqgħa.

27.1.3 Il-membri preżenti approvaw dawn it-talbiet ta' apoloġija.

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 26 li nżammet nhar it-Tnejn 22 ta' Ottubru 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

27.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, sekondata mis-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow.

## 27.3 Komunikazzjoni mill-President

27.3.1 Is-Sa Galea talbet biex tinforma lill-membri b'xi punti li kien ser iressaq il-President għal din il-laqgħa.

- *Reġjun Ewropew ta' l-Isports għas-sena 2023*

27.3.2 F'isem il-President, is-Sa Galea irringrazzjat lil dawk kollha li kienu preżenti għaċ-ċerimonja ta' l-għeluq għal dan it-titlu.

- *Working Group – l-Iskart u l-Indafa*

27.3.3 Is-Sa Galea għamlet referenza għas-seminar li kien inżamm nhar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru 2023 fejn kien ġie ppreżentat r-rapport mid-diskussjoni li kienet inżammet xahrejn qabel fuq il-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart.

27.3.4 Is-Sa Galea kompliet tgħid kif waqt id-diskussjoni li kienet inżammet, is-Sindku ta' Swieqi, is-Sur Noel Muscat, kien issuġġerixxa li r-Reġjun għandu joħloq *working group* fuq dan is-suġġett sabiex id-diskussjoni titkompla u jkun hemm pjan ta' azzjoni aħjar qabel ma jerġa jasal is-sajf.

27.3.5 Is-Sa Galea żiedet tgħid kif ir-Reġjun diġa avviċina *stakeholders* biex jistaqsu min hu nteressat ikun f'dan il-grupp u f'din il-laqgħa l-President xtaq jitlob lill-membri preżenti jressaq min fost is-Sindku/rappreżentanti jixtiequ jkunu fuq dan il-bord.

27.3.6 Is-Sa Galea spjegat ukoll kif il-President talab sabiex ma jkunx hemm aktar minn tliett Sindki bħala rappreżentanza.

27.3.7 Il-membri preżenti qablu sabiex is-Sur John Pillow flimkien mas-Sur Noel Muscat ikunu parti minn dan il-*working group*.

27.3.8 Is-Sa Galea infurmat lill-membri kif l-ewwel laqgħa ser tkun qed tinżamm f'Jannar 2024 u aktar dettalji ser ikunu qed jintbagħtu 'l quddiem.

- *Proposta mingħand GreenMT*

27.3.9 Is-Sa Galea infurmat lill-membri dwar laqgħa li nżammet mas-Sur Joe Attard minn GreenMT dwar proġett pilota li jixtieq iressaq lil dan ir-Reġjun.

27.3.10 Is-Sa Galea spjegat il-proposta ta' dan il-proġett pero talbet lill-membri jekk hux possibli li s-Sur Attard jiġi mistieden għal laqgħa tar-Reġjun li ser tkun qed tinżamm f'Jannar sabiex din il-proposta tiġi spjegata aħjar u diskussa flimkien mal-membri.

27.3.11 Il-membri preżenti approvaw li din il-laqgħa għandha tinżamm fil-5 ta' wara nofsinhar qabel ma tibda l-laqgħa uffiċċjali tax-xahar tar-Reġjun.

- *Laqgħa mas-CEO ta' TM*

27.3.12 Is-Sa Galea infurmat lil membri kif il-laqgħa mas-Sur Jonathan Borg kienet skedata għal nhar l-Erbgħa 20 ta' Diċembru 2023 u kif aġġornament dwar din il-laqgħa ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

## 27.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

27.3.1 Is-Sur Zammit informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 27.4 Reġjun tal-Kultura 2024 – Aġġornament

27.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri preżenti dwar il-ftuħ uffiċċjali li ser tkun qed tinżamm nhar Il-Ġimgħa 12 ta' Jannar 2024 u ħeġġet lill-membri sabiex ikunu preżenti.

27.4.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, spjega kif hu kien iltaqà mad-Direttur Artistiku u staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv, sabiex tikkjarifika eżatt kundizzjoni fil-kuntratt li kien ġie ffirmat b'risq ir-Reġjun tal-Kultura 2024, fejn kien hemm spjegat li l-fondi ma jistgħux jintużaw sabiex ikun hemm ħruq tan-nar.

27.4.3 Is-Sa Galea infurmat lis-Sur Dalli li r-Reġjun kien bagħat komunikazzjoni għal talba ta' kjarifika dwar dan u din it-tweġiba ser tkun qed tiġi kkomunikata mal-Kunsilli Lokali.

27.4.4 Is-Sur Dalli żied jgħid kliem ta' tifħir dwar is-Sur Cauchi u ħeġġeġ lil dawk il-lokalitajiet li għadhoma m'għamlux kuntatt miegħu sabiex ifittxu jgħamlu laqgħa.

27.4.4 Is-Sa Galea reġgħet fakret lill-membri preżenti sabiex jaraw li tinżamm laqgħa ta' introduzzjoni mas-Sur Daniel Cauchi mill-aktar fis possibli.

## 27.6 Rapporti

27.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda il-*Budget* għas-sena 2024. Liema rapport kien diġa ntbgħat lill-Kunsilli Lokali perezz ta' emejl.

27.6.2 Is-Sa Galea spjegat kif l-Accountant ma setgħatx tkun preżenti għal din il-laqgħa pero bagħtet spjegazzjoni qasira dwar dak li qed jiġi mressaq.

27.6.3 Wara li ngħatat din l-ispjegazzjoni, is-Sa Anthony Dalli, staqsa domanda ta' kjarifika dwar jekk kienx hemm direzzjoni dwar il-fondi li kienu ngħataw mill-allokazzjoni tal-Kunsilli Lokali lir-Reġjun sabiex jitkoprew l-ispejjeż relatati mal-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart.

27.6.4 Is-Sa Galea spjegat kif dan il-punt ġie diskuss ma' l-Accountant, Romina Perici Ferrante, kif ukoll mad-Dviżjoni tal-Gvern Lokali, fejn kien hemm qbil li fl-aħħar ta' Diċembru 2023 ser ikun hemm set off bejn il-Kunsilli Lokali w r-Reġjuni. Informazzjoni dwar l-ammonti ser ikun qed jiġi spjegat flimkien mal-pagament. Dan is-set off ser ikun qed isir għal perjodu minn Jannar sa Novembru 2023.

27.6.5 Is-Sur Dalli xtaq ukoll iressaq kumment li kien diġa ġie diskuss b'mod immedjat mal-President dwar il-każ tiegħu fejn kien iltaqà ma' wieħed mit-trakkijiet tal-kolletturi maġemb it-torri belvedere fejn kien qed iħott minn trakk u jitfa ġo trakk ieħor.

27.6.6 Is-Sa Galea spjegat li kienet ġiet infurmata fuq dan il-każ u hemm il-komunikazzjoni għaddejja.

27.6.7 Is-Sa Galea talet l-approvazzjoni tal-membri preżenti għal dan ir-rapport.

27.6.8 Is-Sur Dalli qal li qabel r-Reġjun kien jgħati rendikont kull xahar u kif dawn ir-rendikonti mgħadhomx jaslu. Għal din ir-raġuni hu talab li ġaladarba issa wasalna lejn tmiem din is-sena sabiex jiġi ppreparat rendikont tas-sena.

27.6.9 Is-Sa Galea spjegat kif ir-rapporti finanzjarji dejjem ġew imressqa u spjegati fil-ħin u fil-preżenti qed tiġi magħluqa s-sena finanzjarja sabiex jiġi mressaq ir-rapport fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss. Is-Sa Galea żiedet tgħid li kif ikun hemm stampa ċara tal-finanzi, il-bord tal-finanzi ser ikun qed jiltaqà sabiex jiġu diskussa l-finanzi.

27.6.10 Is-Sur Dalli spjega li bħal daż-żmien meta jiġi ppreżentat kif ser jiġu allokati l-finanzi għas-sena 2024 u ssuġġerixxa sabiex il-Kunsilli Lokali jerġgħu jibbenefikaw mill-iskemi finanzjarji bbazata fuq is-sena 2022 peress li matul is-sena 2023 kien hemm ħafna fondi li kellhom imorru lejn il-programm tar-Reġjun Ewropew ta' l-Isports 2023.

27.6.11 Is-Sa Galea talbet sabiex din id-diskussjoni tinżamm fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss fil-preżenza tal-President.

27.6.12 Il-Viċi President u Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, spjega kif peress li s-sena l-oħra r-Reġjun kien attent dwar kif ser jinqassmu l-fondi. is-Sur Zammit informa lill-membri kif meta mqabbel ma Reġjuni oħra, kien hemm Reġjuni li fondi marbuta ma' tiżjin tal-Milied kien jammonta madwar €10,000 lil kull Kunsill Lokali meta mqabbel ma' €3,000 li l-Kunsilli Lokali ngħataw minn dan ir-Reġjun.

27.6.13 Is-Sa Galea ġibdet l-attenzjoni li jekk wieħed ser jikkompara x'fondi nħarġu, wieħed irid jieħu nota wkoll ta' kemm il-fondi differenti ngħataw u li dan ir-Reġjun huwa kompost minn tnax-il Kunsill u mhux disà lokalitajiet.

27.6.14 Is-Sur Zammit talab jekk għal din il-laqgħa tistax tiġi rreġistrata l-proposta tiġi rreġistrata u jekk illum jistax jerġa jiġi kkonfermat l-bord li kien kompost mill-President, Anthony Chircop, is-Sur Max Zammit, is-Sur Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv.

27.6.15 Is-Sur Dalli qal li din il-proposta trid tiġi diskussa u approvata f'din il-laqgħa.

27.6.16 Is-Sa Maryanne Abela espremiet li dan is-suġġet għandu jiġi diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss meta l-President ikun preżenti.

27.6.17 is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, qabel mas-Sa Abela u spjega kif il-President qatt ma falla laqgħa waħda imma kellu jfalli din il-laqgħa minħabba li kien jinsab ma jiflaħx u qal kif dan is-suġġett għandu jiġi diskuss fil-profond fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

27.6.18 Is-Sur Dalli spjega li għal din il-laqgħa għandhom jiġu kkonfermati l-iskemi u kif l-ammonti għandhom jiġu diskussa wara.

27.6.19 Is-Sur Zammit spjega kif il-bord għandu jħares fuq l-istruttura li kienet intużat fis-sena preċedenti.

27.6.20 Is-Sa Galea spjegat li l-probabilita hu li xi fondi ser jitqassmu imma wieħed ikollu stampa aħjar wara li tiġi magħluqa s-sena finanzjarja.

27.6.21 Waqt din id-diskussjoni, is-Sa Galea infurmat lill-membri kif il-ġurnata ta' qabel dan ir-Reġjun kien irċieva l-aħħar tranche ta' l-allokazzjoni finanzjarja kif ukoll l-ewwel pagament ta' €25,000 b'risq il-fondi relatat mat-titlu ta' Reġjun Kulturali 2024. Dan il-pagament wasal għand ir-Reġjun nhar it-Tnejn 11 ta' Diċembru 2023.

27.6.22 Is-Sur Dalli spjega kif wara li l-iskemi jiġu ppreparati, qabel l-approvazzjoni fil-laqgħa dawn dejjem jiġu diskussa ma' l-accountant, is-Sa Romina Perici Ferrante.

27.6.23 Is-Sur Zammit reġgħa kkonferma l-kompożizzjoni tal-bord u ser ikun qed jiltaqà qabel ma tinżamm il-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

27.6.24 Il-Budget ġie approvat mill-membri kollha preżenti.

## 27.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Aġġornament fuq l-Uffiċjali Reġjonali*

27.7.1 B'referenza għall-pożizzjoni ta' Maniġer tal-Kultura, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri kif din is-sejħa kienet għalqet nhar il-Ġimgħa 1 ta' Diċembru 2023 u għal din ir-raġuni l-Bord kompost mill-President, Anthony Chircop, flimkien mas-Sur John Pillow u s-Sa Margaret Baldacchino Cefai, fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv, kienu ltaqgħu nhar it-Tnejn 11 ta' Diċembru 2023 sabiex jinżammu l-intervisti. Minn 13-il applikazzjoni 7 applikanti attendew għall-intervista.

27.7.2 Is-Sa Galea sjegat kif il-President xtaq jgħamel kummenti minn naħa tiegħu fuq din is-sejħa qabel ma jitkompla l-proċess u xtaq li dan il-punt jerġa jitqajjem fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Lvant li jmiss.

27.7.3 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti kien hemm qbil sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tilħaq tinforma bil-miktub lil dawk l-applikanti li attendew għall-intervista li deċiżjoni ser tkun qed tingħata f'Jannar li ġej fil-laqgħa tar-Reġjun.

- *Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 13, FT*

27.7.5 B'referenza għal din il-pożizzjoni, is-Sa Galea spjegat kif is-Sa Bajada Stride ma kienitx aċċettat din il-pożizzjoni u għal din ir-raġuni dan ir-Reġjun reġa ħareġ din is-sejħa b'mod estern u tagħlaq fid-29 ta' Diċembru 2023. Skond l-applikazzjonijiet miġbura, il-bord għandu jiltaqa fil-bidu ta' Jannar u jipproċedi.

27.7.6 Is-Sa Galea spjegat kif aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 11, FT*

27.7.7 Peress li ma kien applika ħadd mis-sejħa interna, Jeanette infurmat lill-Jobplus u DLG sabiex il-proċess jkun jistà jitkompla. Il-Jobsplus provdew lista ta' żewg applikanti eleġibbli u wieħed minn dawn ressaq l-applikazzjoni tiegħu sad-data ta' l-għeluq. Il-bord ma leħaqx iltaqa qabel dil-laqgħa.

27.7.8 Is-Sa Galea spjegat kif aktar kmieni filgħodu, inżammet laqgħa mad-Direttur Ġenerali, is-Sur Emil Vassallo, flimkien mal-President, u s-Sa Zammit kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġu diskussa xi issues.

27.7.9 Is-Sa Galea spjegat kif wara li kienet inżammet din id-diskussjoni, is-Sr Vassallo talab lis-Sa Zammit tikkunsidra li tirtira l-ittra ta' riżenja.

27.7.10 Aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 27.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- Inventarju tar-Reġjun

27.8.1 Is-Sa Galea infurmat lill-membri kif ir-Reġjun xtara diversi affarijiet, fosthom fridge ġdida (fl-uffiċċju amministrattiv); fridge żgħira (fit-tribunal lokali), xkaffar ġdid fl-uffiċċju amministrattiv u t-tribunal lokali, broom cuboard, żewġ trolleys sabiex jiġi trasferiti kaxxex tqal bid-dokumenti tat-tribunal; printers ġodda li nxtraw riċentament; u kooker.

27.8.2 Is-Sa Galea żiedet tgħid kif *aircondition* li kien bil-ħsara kellu jitnaqqas mill-lista ta' l-inventorju u żdied l-*aircondition* il-ġdid. Kif ukoll kien hemm bdil f'kamera ta' CCTV li kienet imkissra u kellha tinbidel u kellha tiżdied oħra ġdida sabiex titpoġġa fil-*board room* ġo l-uffiċċju amministrattiv.

27.8.3 Il-membri approvaw dawn l-oġġetti sabiex jiġi miżjuda fil-lista ta' l-inventorju.

- *Kunsill Lokali ta' Birkirkara*

27.8.4 B'referenza għal dan il-Kunsill, is-Sa ressqet fuq il-mejda talba sabiex jingħataw l-approvazzjoni mir-Reġjun u japplikaw għal fondi mid-Development Planning Funds sabiex isiru bankini fi Triq Ganu, Triq Mons. Alfred Mifsud, Triq Domenico Cachia.

27.8.5 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Kunsill Lokali ta' Swieqi*

27.8.6 B'referenza għal dan il-Kunsill, is-Sa Galea ressqet fuq il-mejda talba sabiex mill-fondi jsiru diversi progetti fil-lokalità. Is-Sa Galea qrat l-proġetti li twettqu li b'total jammontaw għal €22,389.19.

27.8.7 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

## 27.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

27.9.1 Il-Viċi President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

27.9.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sekondat mis- Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 24A u 24B.

27.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 27.10 Mozzjonijiet

27.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 27.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

27.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-18:41 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2024, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' Jannar, 2024.

Anthony Chircop
President

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv